

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2008 — Cerafogli vs BĊE

(Kawża F-84/08)

(2008/C 327/81)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Maria Concetta Cerafogli (Frankfurt, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Il-kundanna tal-BĊE għall-ħlas tad-danni allegatament subiti mir-rikorrenti minħabba diskriminazzjoni marbuta mal-attività sindakali tagħha.

Talbiet tar-rikorrenti

- tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' kumpens għad-danni materjali, korrispondenti għal, minn naħa waħda, id-differenza bejn is-salarju li rċeviet ir-rikorrenti u salarju tal-grad ("band") H, skala 54, mill-2004 sal-2007, jiġifieri 23 skala addizzjonali, u min-naħa l-oħra, għall-għoti ta' bonus ta' EUR 3 500 kull sena għas-snin 2001, 2002 u 2003;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tas-somma ta' EUR 157 000, jew sussidjarjament, għas-somma ta' EUR 45 000, bħala kumpens għad-danni morali;
- jekk ikun hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni tal-25 ta' Ġunju 2008 li tiċħad it-talba għal sħarriġ amministrattiv u d-deċiżjoni tas-7 ta' Awwissu 2008 li tiċħad l-ilment, sa fejn dawn id-deċiżjonijiet jirrigwardaw dan ir-rikors;
- tikkundanna lill-Bank Ċentrali Ewropew għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2008 — Voslamber vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-86/08)

(2008/C 327/82)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Dietrich Voslamber (Freiburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: L. Thielen, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2008 li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal kopertura primarja tal-konjuġi tiegħu taħt l-assigurazzjoni kontra l-mard.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tad-Direttorat Ġenerali ADMIN.B tal-Kummissjoni Ewropea tad-9 ta' Lulju 2008 fil-konfront tar-rikorrent;
- jikkonstata li r-rikorrent għandu raġun meta jsostni li l-konjuġi tiegħu hija intitolata għal assicurazzjoni primarja taħt l-ISKAM;
- jirriżerva d-drittijiet kollha tar-rikorrent li jressaq iktar motivi insostenn tar-rikors tiegħu;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2008 — Schuerings vs Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ

(Kawża F-87/08)

(2008/C 327/83)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Gisela Schuerings (Nizza, Franza) (rappreżentant: N. Lhoëst, avocat)

Konvenuta: Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li tkeċċi lir-rikorrenti, kif ukoll li l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ tiġi kkundannata tħallas kumpens għad-dannu materjali u morali subiti mir-rikorrenti.

Talbiet tar-rikorrenti

- Tannulla d-deċiżjoni tat-tkeċċija tat-23 ta' Ottubru 2007, li kellha bħala suġġett lir-rikorrenti, adottata mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ;
- safejn huwa neċessarju, tannulla d-deċiżjoni espliċita tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ tal-10 ta' Lulju 2008, li tiċħad l-ilment ippreżentat mir-rikorrenti skont l-Artikolu 46 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej u l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;